**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tlieta, 14 ta' Diċembru, 2021**

**Rikors Nru: 1156/2021**

**Fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 1006/21CFS**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1526/2021**

**Fl-ismijiet:**

***Avukat Dottor James Scerri Worley u martu Vanessa Scerri Worley; Raymond sive Ramon Micallef u martu Karen Micallef; Stephen Aquilina u Louise Anne Faure; Lucia Egriboz; Joseph Galea u martu Mary Helen Galea; Josef Pace u martu Suzanne Pace; u Allwoods and Steel (Property 1) Ltd***

***vs.***

***Zorin Properties Limited, Perit Christopher Cachia u Perit Samuel Formosa***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talbiet imressqa mill-Perit Christopher Cachia: (i) sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1526/2021 għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(d)** u/jew **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (ii) sabiex titħallas penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fil-**<u>25 ta' Novembru, 2021</u>**, Il-Perit Christopher Cachia fisser li huwa ġie milqut b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1526/2021. Huwa jallega li min talab il-mandat ma ġġustifikax is-somma li ġiet imsemmija fil-mandat. Minbarra dan, huwa jgħid li l-mandat ma kellux jinħareġ kontrih għaliex huwa ma jweġibx għall-pretensjonijiet li għandhom is-sekwestranti;

3. Iżid jgħid ukoll li l-ammont kawtelat fil-mandat mhux raġonevoli li jibqa' fis-seħħ għaliex l-ammont kawtelat ma ġiex msaħħaħ b'dokumentazzjoni. Jisħaq għalhekk li jeżistu l-estremi fil-liġi biex min talab għall-ħruġ tal-mandat jiġi kkundannat iħallsu l-penali;

4. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet il-Perit Christopher Cachia talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. tiddikjara illi l-ammont riklamat mis-sekwestranti Avukat Dottor James Scerri Worley et fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1526/2021 ma huwiex prima facie ġustifikat u kif ukoll huwa eċċessiv, u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. tiddikjara li ma hux raġonevoli li l-mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ u li l-mandat ma hux ġustifikat ai termini tal-artikolu 836(1)(f);*
>
> *3. konsegwentement, tordna illi l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1526/2021 fl-ismijiet suċitati, m'għandux jibqa' fis-seħħ u għandu jiġi revokat u tawtorizza l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat;*
>
> *4. tillikwida l-penali dovuti ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lis-sekwestranti jħallsu penali hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-sekwestranti u b'riserva għal kull azzjoni oħra talvolta spettanti lill-esponenti skont il-liġi.»*

5. B'digriet tagħha tad-**<u>29 ta' Novembru, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lill-avukat Dr. James Scerri Worley *et* (is-sekwestranti), bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-Perit Christopher Cachia;

6. Is-sekwestranti wieġbu fid-**<u>9 ta' Diċembru, 2021</u>** u taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex it-talbiet miġjuba f'dan ir-rikors m'għandhomx jintlaqgħu;

***Fatti***

7. B'rikors maħluf numru 1006/2021CFS imressaq fit-12 ta' Ottubru, 2021, l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* (is-sekwestranti) fetħu kawża kontra l-Perit Christopher Cachia u persuni oħrajn. F'dik il-kawża, l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* allegaw li huma sidien ta' għadd ta' mezzanini u ta' garaxxijiet fis-Swieqi, li skont huma, jinsabu fi stat ta' tiġrif għaliex ma nbnewx kif suppost;

8. L-avukat Dr. James Scerri Worley *et* talbu għalhekk f'dik il-kawża biex il-Perit Christopher Cachia u l-persuni mħarrka l-oħra jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa f'dawn il-binjiet u jħallsuhom ukoll għad-danni li jgħidu li ġarrbu. Fir-rikors maħluf ma ssemmiet l-ebda ċifra speċifika li kellha tiġi mħallsa mill-konvenuti; l-atturi talbu lil qorti sabiex tkun hi li tillikwida dawn id-danni;

9. Dakinhar stess, fit-12 ta' Ottubru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba tal-avukat Dr. James Scerri Worley *et* biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1526/2021 kontra l-Perit Christopher Cachia u persuni oħra, fl-ammont ta' €200,000;

10. Wara li ntlaqa' l-mandat, il-Bank of Valletta p.l.c fid-29 ta' Ottubru, 2021 ippreżenta fl-atti tal-istess mandat, ċedola ta' depożitu ta' flejjes li kienu miżmumin għandha fuq isem il-Perit Christopher Cachia u fuq isem persuna

sekwestrata oħra. Din iċ-ċedola tal-Bank of Valletta plc kienet fl-ammont ta' €200,000;

11. Fil-25 ta' Novembru, 2021, imbagħad daħal dan ir-rikors għat-tneħħija ta' dan il-mandat;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Skont il-liġi tagħna, mandat kawtelatorju jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. Fil-każ tagħna, il-Perit Christopher Cachia jsemmi żewġ raġunijiet fir-rikors tiegħu għaliex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1526/2021 jixraq li jiġi mħassar u dawn jorbothom fit-talbiet finali tiegħu maċ-ċirkostanzi misjuba fl-**artikolu 836(1)(d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

14. L-ewwel raġuni mressqa mill-Perit Christopher Cachia biex jitħassar il-mandat hija marbuta mal-**artikolu 836(1)(d)** li jgħid li mandat jista' jitneħħa jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew inkella jkun wieħed eċċessiv;

15. Il-Perit Christopher Cachia jargumenta fir-rikors tiegħu li s-sekwestranti ma ppreżentaw l-ebda dokumentazzjoni li tagħti xi forma ta' ġustifikazzjoni għal kif huma waslu għas-somma ta' €200,000. Isostni li l-ebda wieħed mit-tliet rapporti peritali li ġew mehmuża mar-rikors maħluf ma jindikaw jew isemmu ċ-ċifra ta' €200,000 imsemmija fil-mandat. Iżid li tant kemm l-ammont miltub fil-mandat mhux ġustifikat, li fir-rikors maħluf ma ntalbet tiġi likwidata l-ebda ċifra speċifika iżda ġie mitlub li tkun il-qorti stess li tillikwida l-ammont ta' danni li batew;

16. Din il-qorti tibda billi tgħid li hija ma taqbilx mal-Perit Cachia li għaliex l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* ma talbux somma speċifika fir-rikors maħluf 1006/2021CFS, allura l-ammont imsemmi minnhom fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jitqies bilfors bħala wieħed li mhuwiex ġustifikat. Il-fatt li kawża tkun waħda '*da liquidarsi*' ma jżommx lil dak li jkun milli jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju (ara ***Anthony Muscat et v. Anthony Nicholl et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Awwissu, 2009);

17. Daqskemm sekwestrant għandu jedd jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju meta l-ammont tiegħu jiġi likwidat u speċifikat f'rikors maħluf, daqstant ieħor sekwestrant li ma jillikwidax ammont speċifiku fir-rikors maħluf għandu l-istess jedd li jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu, ħalli b'hekk ma jiġix mikxuf jekk kemm-il darba joħroġ rebbieħ fil-kawża li jkun fetaħ;

18. Wara kollox, il-liġi ma tgħidx li biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, is-sekwestrant irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat (ara ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2018);

19. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiż fil-21 ta' April, 2014,

> *«mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba'.»* (ara **artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**)

20. M'hemmx għalfejn li min joħroġ mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak

il-jedd jew pretensjoni li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat li jkun (ara ***M.I.M.S. Supplies Limited v. Ivan Calleja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2009);

21. Ifisser dan, li kontra dak li jgħid il-Perit Christopher Cachia f'dan ir-rikors tiegħu, biex mandat ikun validu m'hemmx għalfejn li s-sekwestrant joqgħod jissostanzja l-ammont li jkun jixtieq jikkawtela b'xi rapporti peritali jew b'xi dokumenti tekniċi oħra. L-importanti huwa li ċ-ċifra li s-sekwestrant jitlob li tiġi kkawtelata bil-mandat tkun waħda li mad-daqqa t'għajn tista' titqies li tkun waħda li taqbel u tagħmel sens man-natura tad-dejn jew tal-pretensjoni msemmija bħala kawżali fil-mandat ta' sekwestru;

22. Kif taraha din il-qorti, dak li m'għandux isir huwa li sekwestrant jivvinta ammont minn żniedu jew jaqbad u jsemmi ċifra bl-addoċċ fil-mandat li tkun għalkollox maqtugħa mir-realtà, bħalma kien il-każ ta' ***Johan Huy et v. Mark Attard*** imsemmi estensivament mill-Perit Christopher Cachia fir-rikors tiegħu. F'dak il-każ, li huwa magħruf sew mal-Imħallef sedenti minħabba li dan kien ġie deċiż minnu stess, il-qorti neħħiet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għaliex hija ma setgħetx tifhem u tirrikonċilja lanqas mad-daqqa t'għajn, kif is-sekwestrant bħala kerrej li ġie mkeċċi mill-post mikri, seta' jitlob li jżomm fis-seħħ mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' €200,000 kontra sid il-post fuq ir-raġunijiet li l-post mikri lilu kellu: (i) *fuse box* u arloġġ tad-dawl perikolużi; (ii) kamra tal-banju mingħajr ventilazzjoni; u (iii) partijiet mill-post mhux koperti bil-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u bir-regolamenti tas-sanità;

23. Mhux l-istess iżda jista' jingħad fil-każ tal-lum;

24. Din il-qorti ma tistax mad-daqqa t'għajn tgħid li l-pretensjoni tal-avukat Dr. James Scerri Worley *et* fir-rikors maħluf 1006/2021CFS hija inkompatibbli maċ-ċifra ta' €200,000 imsemmija fil-mandat ta' sekwestru 1526/2021. Mhijiex xi ħaġa daqshekk diffiċli li wieħed jimmaġina danni ta' madwar €200,000 minħabba

allegat ħsarat strutturali f'kumpless ta' bini. Fuq kollox, fir-rapport tal-Perit Tihomir Georgiev, li ġie mehmuż man-nota risponsiva għal dan ir-rikors, hemm indikat li l-istima biex jissewwew dawn l-allegati ħsarat tlaħħaq l-ammont ta' €203,196;

25. Naturalment il-qorti mhijiex qiegħda tgħid hawnhekk li l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* għandhom raġun jitolbu €200,000 għaliex din hija xi ħaġa li għad trid tiġi ppruvata waqt il-kawża. Li qed tgħid il-qorti f'din il-proċedura huwa biss, li l-Perit Christopher Cachia ma rnexxilux juri li l-ammont kawtelat mill-avukat Dr. James Scerri Worley *et* fil-mandat ta' sekwestru 1526/2021 huwa wieħed li mad-daqqa t'għajn jidher li mhuwiex ġustifikat jew inkella wieħed eċċessiv għall-għanijiet tal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

26. Il-Perit Christopher Cachia iżda jgħid ukoll fir-rikors tiegħu li l-mandat ta' sekwestru għandha jitneħħa minn kontrih għaliex hu m'għandu x'jaqsam xejn mal-pretensjonijiet li s-sekwestranti qegħdin iqajmu fir-rikors maħluf 1006/2021CFS. Din però hija kwistjoni li trid tiġi indirizzata fil-mertu tar-rikors maħluf u mhux issa f'din il-proċedura għat-tneħħija tal-mandat. Joqgħod hawnhekk dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet ***Ivan John Debono v. Antoine Vella*** deċiż fit-12 ta' Jannar, 2021

> *«Il-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat messux tħarrek fil-kawża f'dik il-kwalità ma hemmx dubju li sejra titqajjem f'waħda mill-eċċezzjonijiet tal-istess eżekutat u l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża għadha trid tiddeċidiha. Li kieku din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat f'dan l-istadju u għar-raġuni msemmija minnu, kienet tkun qiegħda timponi minn issa l-fehma tagħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni u xxekkel lill-Qorti li quddiemha miexja l-kawża. Dan ukoll huwa ta' xkiel biex it-talba tal-eżekutat tista' tintlaqa'.»*

27. Fi proċedura marbuta ma' talba għat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju, xogħol il-qorti mhuwiex li tgħid min għandu raġun fil-mertu bejn il-partijiet kontendenti jew li tidħol fuq il-kwistjoni dwar jekk is-sekwestrat huwiex il-kontradittur leġittimu għall-pretensjonijiet tas-sekwestrant;

28. Jiġi b'hekk, li l-ewwel raġuni miġjuba 'l quddiem mill-Perit Christopher Cachia sabiex jitħassar il-mandat taħt l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** qiegħda għalhekk tiġi miċħuda;

29. It-<u>tieni raġuni</u> msemmija mill-Perit Christopher Cachia għaliex għandu jitħassar il-mandat hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

30. Din il-kawżali tidħol fix-xena biss fejn ikollok waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li tkun teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att, iżda li ma tibqax hekk teżisti wara l-ħruġ tal-mandat (ara *inter alia* ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** tal-14 ta' Jannar, 2021, ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** tad-29 ta' Settembru, 2020, ***Bartholomeo Bonett et v. George Borg et*** tat-23 ta' Ottubru, 2007 u ***Dr Tonio Fenech noe v. Dr Patrick Spiteri et noe et*** tat-3 ta' Awwissu, 2001);

31. Dak li jgħodd għalhekk biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għalkollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmi **artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa m'għadux il-każ (ara ***Ivan John Debono v. Antoine Vella***, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021);

32. Il-bdil li għalih japplika dan is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet u mhux lejn terzi (ara ***Angela Busuttil Naudi v. Stephen Busuttil Naudi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2009);

33. Fil-każ tagħna, il-Perit Christopher Cachia ma semma l-ebda ġrajja ġdida fir-rikors tiegħu, li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat inkwistjoni. Għalhekk il-kawżali

taħt l-**artikolu 836(1)(f)** ma tista' tkun ta' ebda fejda għall-Perit Cachia biex jitneħħa l-mandat;

34. L-ewwel tliet talbiet tal-Perit Christopher Cachia kif miġjuba fir-rikors tiegħu għalhekk qegħdin jiġu lkoll miċħuda;

35. Jifdal biss ir-**<u>raba' talba</u>** tiegħu, fejn biha huwa qiegħed jitlob biex l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* jiġu kkundannati jħallsu penali skont l-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

36. Il-liġi, fl-**artikolu 836(8)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, issemmi erba' ċirkostanzi biss li minħabba fihom wieħed jista' jeħel penali għal ħruġ ħażin ta' mandat. Skont il-ġurisprudenza dawn l-erba' raġunijiet huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa (ara ***Dr. Cedric Mifsud nomine v. Bitconvert Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020, ***Rosie Lehner v. Ian Pace*** deċiż mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Awwissu, 2009 u ***Cole Foods Ltd v. Euro Imports Ltd*** mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu, 2003);

37. L<u>-ewwel kawżali</u> msemmija mill-Perit Christopher Cachia għaliex l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* għandhom jeħlu l-penali hija mibnija fuq l-**artikolu 836(8)(b)**;

38. Dan is-subinċiż jgħid li t-twaħħil ta' penali hija mistħoqqha f'żewġ ċirkostanzi differenti, *viz*.

i. Jekk min talab il-mandat jonqos milli jiġġustifikah; jew
ii. Sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ta' urġenza, l-esekutant jonqos milli jgħarraf lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, bil-pretensjonijiet li huwa għandu kontrih;

39. Dwar l-ewwel ċirkostanza, ingħad bosta drabi li l-istħarriġ li għandha tagħmel il-qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprija bejn il-partijiet (ara ***Majid Aidi v. Mohammed Mustafa Haman*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Awwissu, 2018);

40. Kif tajjeb saħqet il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Grazio sive Horace Cachia v. Agostino sive Winston Carbone et,***

> *«fi proċeduri ta' din ix-xorta, l-eżami li jeħtieġ li jsir minn din il-Qorti huwa limitat, għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment riżervat għall-proċeduri fil-mertu quddiem il-Qorti adita bil-kawża.»*

41. Fuq bażi *prima facie*, il-qorti ma tistax tgħid għalissa li l-pretensjonijiet imressqa mill-avukat Dr. James Scerri Worley *et* mhumiex ġustifikati. Il-Perit Christopher Cachia jista' ma jaqbel xejn ma' dawn il-pretensjonijiet, iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* m'għandhomx sies legali sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom;

42. Hekk ukoll, il-qorti ma tistax tgħid li l-pretensjoni tal-avukat Dr. James Scerri Worley *et* saret fl-għama għaliex huma ressqu rapport tal-Perit Tihomir Georgiev, li jistma li biex tissewwa l-ħsara, hemm bżonn li jinħarġu €203,196. Għalkemm il-qorti tista' tifhem il-frustrazzjoni tal-Perit Christopher Cachia li ntlaqat minn mandat ta' sekwestru katwelatorju, madankollu l-qorti ma tħossx li għandha tidħol biex teżamina l-pretensjonijiet fil-mertu taż-żewġ naħat. Fuq kollox, il-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq responsabbiltà ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom u d-dritt ta' dak li jkun li jitlob il-ħruġ ta' mandati simili, biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu, m'għandux jiġi mxekkel inġustament;

43. Għalhekk il-qorti ma ssibx li għandha twaħħal penali lill-avukat Dr. James Scerri Worley *et* minħabba din iċ-ċirkostanza;

44. Dwar it-tieni ċirkostanza msemmija fl-**artikolu 836(8)(b)**, *viz*. jekk saritx interpellazzjoni għallinqas ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-mandat, intqal kemm-il darba li l-liġi ma tridx li din tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali (ara *inter alia* ***Dimbros Limited v. Philip Agius & Sons Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 t'Awwissu, 2017, ***Office Group Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 t'April, 2017 u ***Ian Sammut v. Entree Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Settembru, 2009);

45. Tajjeb li jingħad ukoll, li l-fatt waħdu li ma tkunx saret talba bħal din, qabel ħmistax-il jum li jkun inħareġ il-mandat, mhijiex meqjusa bħala raġuni awtomatika biex dak li jkun jeħel il-penali. Dan għaliex jekk dak li jkun juri li kien hemm raġuni tajba għaliex ma ressaqx talba preċedenti għall-mandat, il-penali m'għandhiex tingħata (ara ***Office Technology Limited v. J.M. Supplies Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1999 u ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2020);

46. Fil-każ tagħna, jirriżulta li din l-interpellazzjoni saret permezz ta' ittra uffiċjali tat-23 ta' Ottubru, 2020. Huwa minnu li din l-ittra uffiċjali saret madwar sena qabel il-ħruġ tal-mandat imma dak li trid il-liġi huwa li l-mandat ma' jinħariġx bħal sajjetta fil-bnazzi. Sewwasew għalhekk li l-liġi trid li għandu jkun hemm żmien ta' mill-inqas ħmistax-il jum bejn l-interpellazzjoni u t-talba għall-ħruġ tal-mandat;

47. F'dan il-każ il-Perit Christopher Cachia ma jistax jgħid li l-mandat ħadu għall-għarrieda għaliex seta' jobsor li l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* ma kinux ħa joqgħodu bi kwiethom, iżda kienu ħa jibqgħu jippersistu fil-pretensjonijiet tagħhom dwar il-ħsarat fil-bini tagħhom wara l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ottubru, 2020 u dan bil-ftuħ ta' kawża u bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju;

48. Bl-istess mod, il-Perit Christopher Cachia m'għandux raġun jitlob il-ħlas ta' penali minħabba li fl-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ottubru, 2020 ma jissemmix ammont speċifiku. Kif jiddisponi l-**artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa biżżejjed jekk fl-interpellazzjoni ssir talba biex dak li jkun jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni. Kemm hu hekk, il-liġi tgħid li, «*huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn,* ***jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed***.»;

49. Għalhekk fuq din il-kawżali, il-qorti ssib li m'hemmx raġuni tajba biex l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* jeħlu penali;

50. It-tieni kawżali għat-twaħħil tal-penali msemmija mill-Perit Christopher Cachia hija marbuta mal-**artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li għandha tiġi mwaħħla penali jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja;

51. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, ladarba f'din id-deċiżjoni nstab li l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kien wieħed *prima facie* ġustifikat, allura għandu jsegwi li dan il-mandat ma jistax jitqies li nħareġ b'ħażen jew fil-vojt;

52. Għalhekk il-qorti qiegħda tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma hemmx lok li l-avukat Dr. James Scerri Worley *et* jiġu kkundannati li jħallsu penali;

53. Ir-raba' talba tal-Perit Christopher Cachia qiegħda għalhekk tiġi miċħuda wkoll;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda **tiċħad it-talbiet kollha** mressqa fir-rikors tal-25 ta' Novembru, 2021;

**Tordna** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu mill-Perit Christopher Cachia.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**